Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 58
# It-Tlieta 23 ta'Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Matthew Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo -Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

58.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-
Viċi Sindku Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.
Is-Sur Charles Selvaġġi li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.
Is-Sur Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogho.l
Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta'apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol .
Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

58.1.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni dwar assenza ta' kunsilliera mill-laqghat tal-Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda kopja tal-lista ta' attendenza <dc 58/1/2> u gharraf lill-kunsilliera prezenti li hemm xi kunsilliera li mhux qed jattendu ghall- laqghat kif mitlub f'artiklu 18 ta' Kap 363, l-att dwar il-kunsilli lokali. Hawn kompla jispjega li kif titlob il-ligi, huwa qed jgharraf lill-kunsill biex qabel ma jikteb lill-Ministru b'din l'assenza, il-Kunsill ghandu jiddiskuti jekk l'assenza tal-kunsilliera kienitx dovuta ghar-ragunijiet gustifikati.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fethet id-diskussjoni bejn il-kunsilliera prezenti li waslu ghall-konkluzjoni, li skond ic-cirkustanzi kif diskussi, in-nuqqas ta' attendenza ta' dawn il-kunsilliera hija gustifikata.
Il-kunsilliera prezenti talbu l-Isegretarju Ezekuttiv, biex filwaqt li dan ghandu jaqdi d-dmir tieghu, dan ghandu jgharraf lill-Ministru, li kunsilliera prezenti unanimament jaqblu u qed jaghmlu ir-rakkomandazzjoni taghhom biex il-ministru ma jiddikjarax dawn il-postijiet vakanti.

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

58.2.01 Il-minuti tas-Seduta Nru 57 ttieħdu bħala moqrija u kien hemm xi korrezzjonijiet.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

58.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/1> mis-Sur Tony Schembri, dwar il -problema ta' drenagg fi Triq San Lwigi, u spjegat li wara diversi llmenti, il *Jobs Plus* hadu il-passi mehtiega biex isiru x-xogholijiet mehtiega biex il-problema tigi rrangata.

58.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/2> talba ghar-*reserved parking* fi Triq Imhallef Pawlu Debono.
Is-Sur Maurice Agius qal li dan ghandhom garaxx mad-dawra u jistghu jnizzlu l- pazjenti hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li kienet ga saret kaxxa safra quddiem il-klinika, izda qed jitolbu li din tinbidel f' *time reserved parking* , minhabba li hafna ma jaghtux kaz u jipparkjaw xorta. Il-pazjenti li jiehdu kura f'din il-klinika jkollhom problemi ta' mobilita' u hafna drabi iridu jingarru.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-ahjar nitilghu fuq il-post u nergghu nivverifikaw jekk hemmx vera bzonn li isir.

58.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/3> Talba *Communal Loading/Unloading bay* Triq Xatt ta' Xbiex.
Is-Sur Maurice Agius qal li dan jista' jekk irid ihott il-merkanzija u juza fejn il- garaxxijiet tal-*Busy Bee* .

Is-Sur Emanuel Brincat qal li quddiem il-garaxxijiet tal-*Busy Bee* , dejjem ikun mimli bil-vetturi tieghu u permessi bhall dawn huma sugett ta' decizjoni ta' TM. Barra minn hekk hemm il-platform tal-*Busy Bee* li ga hareg il-permess ghaliha.
Is-Sur Maurice Agius qal li se nispiccaw minghajr parkegg.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li dan japplika ghal hin tal-ftuh tal-hwienet u jista' jigi wzat bhala parkegg fil-hin ta' wara

58.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/4> Talba minghand *Titan International Ltd* ghal *double yellow line* fi Triq Magna Tas-Serrar.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li din il-kumpanija hadet garaxx kbir biex jintuza bhala mahzen u hemm parti minnu se jintuza biex jidhlu seba' karozzi. Biss hemm problema li dawn ma jkunux jistghu johorgu sewwa minhabba il-wisgha tat-triq u parkegg wiehed faccata tad-dahla ta' dan il-garaxx.
Is-Sur Maurice Agius qal li l-garaxx kien ta' kumpanija ohra parti mill-istess grupp ta' kumpaniji.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li din il-kumpanija bi hsieba tapplika ghal *unloading bay* u mhux difficli li tiehu l-approvazzjoni tat-TM minhabba t-tip ta' merkanzija li dawn ghandhom. Huma kklasifikati bhala *white goods* , ghalhekk ikun tajjeb li niccekkjaw fuq il-post halli jekk jinqala' il-kaz, dan ikun fl-istess sit ta' din it-talba u b'hekk huma jkunu responsabbli li jdahhlu numru ta' karozzi fil-garaxx msemmi u jekk ikun hemm ostaklu ghal hrug ta' vetturi dan ikunu taghhom stess.
Il-kunsill ddiskuta u kien tal-fehma li s-Sur Emanuel Brincat jitla' mas-segretarju fuq il-post u jaraw jekk it-talba hiex ggustifikata.

58.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/5> minn WPS 44 *Drug abuse in your Locality* u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li din se tkun inkarigata minn kazi relatati u jekk ikun hemm bzonn, infurmat lill-kunsill li nistghu naghmlu laqgha maghha.

58.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/6> Cirkulari 13/2017 *Community Innovation Fund* u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li l-inizjattiva finanzjarja ghandha l-ghan li l-kumitat regjonali, wara konsultazzjoni mal-kunsilli lokali u cittadini tal-istess regjun, jiddentifikaw, jizviluppaw, iwettqu u jsahhu progetti sostenibbli li jistghu jkollhom impatt importanti fi hdan il-komunita'.

58.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/7> talba minghand *AD Supermarket* , biex ikun jista' ihalli zewgt skips tal-kartun fuq barra waqt il-hin tal-ftuh. Dan minhabba li qeghdin fuq ir-rampa ta' dhul.

Saret diskussjoni u wara li gie kkunsidrat li dawn huma skips b'kartun ghar-riciklagg, li jingabar b'mod regolari mill-kuntrattur, imqabbad mis-supermarket. Il-kunsilliera prezenti approvaw it-talba sakemm ma jkunx hemm impediment ghat-traffiku u dawn l-*iskips* jidhlu gewwa wara il-hin ta' gheluq.

58.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/8> ilment dwar il-parti t'isfel f' Sqaq Johnny Catania u spjegat li hafna drabi qed jinghalaq l- access ghan-nies bil-*pushchairs* jew *wheel chairs* minhabba parkegg ta' vetturi f' nofs it-triq fejn jibda l-isqaq.

Saru xi suggerimenti u ghandu jigi vverifikat dwar xi sinjali li hemm bzonn, halli jkunu jistghu jghaddu n-nies.

58.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/9> Talba ghal Permess ta' *BBQ* mill-Ghaqda tan-Nar.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw li dawn isiru bil-kundizzjoni li jsir it-tindif u zbarazzar neccessarju sal-gurnata ta' wara.

58.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/10> rapport mit-TM, fejn talbu biex il-kunsill jaghmel manutenzjoni fuq il-*Bridge* ta' Triq San-Lwigi.
Is-Sur lino Bartolo qal li biex isir dan, se tinvolvi spiza kbira li l-kunsill ma jiflahx jaghmel.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-ahhar manutenzjoni saret mit-TM u biex naraw ezatt, ghandna nkellmu lil Perit halli jara x'hemm bzonn isir u nibaghtu risposta lit-TM.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella fakkar lill-kunsilliera prezenti li l-kunsill jista' jaghmel xoghol semplici ta' manutenzjoni, izda jekk kif qed jara fir-rapport. dan mhux konklussiv, tajjeb naraw ix-xoghol li hemm bzonn isir, halli jekk jinvolvi certu xoghol li ma jaqax taht ir-responsabbilita' tal-kunsill, dan ghandu isir mill-awtorita' ghat-trasport jew il-Gvern Centrali.

58.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/11> l-istima tad-dipartiment ghal Protezzjoni Civili biex ikunu prezenti fl-Imsida fil-Gimgha tal-Festa.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw il-hlas.

58.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/12> *Ticket 70962,* dwar il-livell baxx ta' dawl fit-toroq Imhallef Pawlu Debono u Mikiel Anton Vasalli. Ktibna u talbuna biex napplikaw biex inzidu d-dawl. Hawn kompliet tispjega li l-ahjar li jsir huwa li nergghu nitilghu mal-lejl biex nivverifikaw x'hemm bzonn isir.

58.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/13> ritratti dwar abbuzi u vandalizmu fi Triq J Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li hemm bzonn isir xi haga dwar din iz-zona, ghax l-attivita' kummercjali qed tikber u hemm bzonn tigi kkontrolata, mod specjali il-*bars* u l-istudenti tas-sajf li daqt ikunu fil-*Junior College* .
Is-Sur Lino Bartolo fakkar li ga hemm *Bye Law* dwar il fliexken.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li qed jinkwieta minhabba r-residenti, ghax kif juru r-ritratti, qed ikun hemm xi abbuzi u ga hadna llmenti ta' storbju mal-lejl.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ghandna inkellmu lil tal-hwienet kollha u naraw x'hemm bzonn isir dwar ordni pubblika.

58.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/14> Cirkulari 34/2017, Gwida kif ghandhom jintuzaw il-Fondi moghdija mill-*LESA* u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li l-kunsill ircieva somma ta' flus li kienu *surplus* mid- dhul tal-*LESA* u dawn ghaddewhom lill-kunsilli b'skop biex jintefqu ghac-cittadini tal- lokalita', kif spjegat fil-linji gwida.

58.3.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/15> M-Quip xoghol fuq il-Bandli u spjegat li wara xi llmenti li l-kunsill ircieva dwar l-istat tal-bandli, beda' ix-xoghol biex dawn jigu rrangati.

58.3.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/16> llment ripetut u talba mis-sur James Calleja, ghal marki tat-toroq go Triq Mons. Innocenz Zammit.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li qed iwassal l-ilment u hemm bzonn isir xi haga dwar dawn l-abbuzi mill-kuntratturi tal-*Go* , ghax fl-ahhar in-nies qed jigu ghand il-kunsill, ghalkemm is-Sur Calleja offra li jhallas ghas-sinjali, dan mhux suppost isehh , ghalhekk se jiehu hsieb li jitlob lill-Kumpanija *GO,* biex tikkonferma bil-miktub li jekk jaghmilhom il-Kunsil,l il-Kumpanija trid thallas.

58.3.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/17> Skart fi Triq l-Universita'.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li l-kaxxi tal-qtates tnehhew, izda xorta in-nies baqghu jarmu l-iskart u mbarraz.
Is-Sur Lino Bartolo rega' semma il-Van li huwa parti mill-kawza, ghax kulhadd jarmi warajh.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hemm bzonn issir xi haga fiz-zona u nergghu nnaddfu.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal ha jara x'jista' isir dwar il-van u jipprova jara jekk jistghux jitilghu il-*green wardens* forsi jinqabad xi hadd.

58.3.18 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/18> Talba mill-*Health Promotion Unit* ghar-*reserved parking* iehor mat-tnejn li ghandhom, 5B Triq C De Brockdorff, biex jintuza mid-Direttur waqt il-hin ta' ftuh.
Il-Kunsilliera prezenti kkunsidraw u ma approvawx it-talba, minhabba li filwaqt li hemm ga problema kbira ta' parkegg goz-zona, jidher li hemm zewgt parkeggi ohra riservati ghad-dipartiment u dan hu bizzejjed ghal funzjoni tieghu. Il-kunsill ma jistax japprova spazju iehor ghall-uzu personali ta' impjegat tad-dipartiment.

58.3.19 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/19> Cirkulari 14/2017 u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li din tapplika f'kaz li kunsilliera li bi hsiebhom jikkontestaw l-Elezzjoni Generali u jitilghu fil-parlament, dawn iridu jirrizenjaw mill-kariga ta' Kunsillier.

58.3.20 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/20> ittra ufficjali minn Dr. Frank Cassar, f'isem Carmen Debono, b'referenza ta' incident li sehh fil-5 ta' Settembru 2016 u talab ghal kumpens ghall-lezzjonijiiet personali minnha soferti u danni ohra konsegwenzjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsill li ga baghat kopja lill-avvukati tal-kunsill ghall-parrir u se jipprocedi biex tintbaghat risposta.

Is-Sur Lino Bartolo qal li jekk hemm bzonn il-Kunsill jitlob ghall-opinjoni medika minghand specjalista differenti biex ikun assigurat li dak li allegatament qed tbati minnu is-sinjura Debono huwa verament kawza tal-incident.

58.3.21 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/21> talba minm Chris Saliba, segretarju Klabb Bocci Msida, ghall permess biex issir it-tombla.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-*big screen* u l-imwejjed li qed johorgu 'il barra mill-parametri tal-klabb tal bocci, biex isiru xi bollards halli jaghlaq iz-zona.
Il-Kunsill ddiskuta dwar l-uzu ta' barra bhas-snin ta' qabel u irid ikun skond il-pjanta pprezentata mill-Kunsill. Ma sabx oggezzjoni biex dan isir fil-granet msemmija skond il-kundizzjonijiet msemmija mill-Kunsill.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-*poster* tat-tombla biex isir ahjar u b'mod pulit u accettabbli.

Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel unanimament u ma sabx oggezzjoni biex dan il- permess ghat-tombla jinghata fil-granet msemmija, suggett ghal kundizzjonijiet msemmija.

58.3.22 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 58/3/22> talba ghal *no objection* ghall-armar tal-festa u dwar id-dawl mill-kamra tal-pompi.
Wara li ddiskuta, Il-Kunsill qabel unanimament u ma sabx oggezzjoni.

**58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

58.4.01 Is-Sur Matthew Agius tkellem dwar gheluq ta' certu toroq nhar ta' Sibt, minhabba kostruzzjoni u kif qed jaghmlu l-ufficjali prezenti meta ikun hemm toroq maghluqa. Hawn kompla jispjega li dawn ikunu f'postijiet li ma jistawx jikkontrollaw it-traffiku u minn ikun qieghed isuq, hafna drabi jispicca f'diffikulta' minn fejn jista' jghaddi.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li dawn ikunu fuq il-post u suppost jafu fejn hu posthom. Jekk hemm bzonn niktbu lil-*LESA,TM* u l-Pulizija, biex jaraw li dawn joqoghdu go postijiet vicin is-sit ta' kostruzzjoni u jidderigu minn hemm.
Is-Sur Maurice Agius qal li gie avvicinat minn xi residenti ta' Triq it-Torri u L. Zamenhof u dawn qalulu li l-permessi qed jinaghtaw bl-addocc.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li kull permess li jinhareg mill-Kunsill, jigi kkunsidrat u l-amministrazzjoni dejjem qaghdu attenti. Hawn kompla jispjega li f'kazi ta' gheluq ta' toroq, anke jekk ghal hin qasir ghas-serhan tal-mohh, jitla' personalment biex jara s-sitwazzjoni go dawn it-Toroq. Hemm xi nies li vera jaghmlu llmenti, izda dawn iridu jifhmu li ma tistax twaqqaf lill-ebda kuntrattur li jaghmel xogholu, sakemm dan ghandu l-permessi mehtiega.

Is-Sur Matthew Agius qal li vera ghax gieli s-Segretarju rah fuq xi sit, izda huwa mportanti li ufficjali li jkunu qed jiehdu hsieb joqghodu go post fejn jistghu jidderigu u mhux iparlaw mal-haddiema fejn ikunu qed jahdmu.

58.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li attenda ghall-Laqgha Annwali Generali tar-Regjun Centru, flimkien mas-Sindku is-Sinjura Margaret Baldachino Cefai u s-Sur lino Bartolo.

58.4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ktibna Nota ta' Apprezzament liz-zaghzagh voluntiera tal-bicca xoghol sabiha li ghamlu fl-inflorata.

58.4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar zviluppi fuq il-Problema ta' Triq is-Sarg fejn baghatna reminder lil-WSC.

58.4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-garanzija tal-perit ta’ Café Guzeppe fuq il-bankina. Waslet ittra ta' spjega li l-perit tieghu huwa mhabbat bil-kampanja elettorali u wieghed li meta jghaddi kollox se jiehu hsieb.

58.4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-*bike stands* ta' *Next Bike* . Dawn gew reallokati fuq in-naha l’ohra tas-*skate park* mal-venda tal-linja.
Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar it-toqob fejn kien hemm marbuta l-istands wara il- venda ta’ Triq Xatt l-Imsida
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera li dawn saru.

58.4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar iz-*zebra cross* ing go Triq Rue D'Argens sar kuntatt mat-*TM* fejn tlabna biex jekk hemm bzonn il-Kunsil jaghmel is-sinjali u r-rampa, waqt li d-dawl isir mit-*TM* . Biss hemm bzonn isir koordinazzjoni ta' xoghol.

58.4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar *loading u Unloading* go Triq it-Tabib Naudi. Ktibna lit-*TM* u talbu biex issir applikazzjoni u li din ga saret.

58.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar l-isprall rappurtat fil-laqgha precedenti maqlugh go Triq il-Kuncizzjoni, li dan sar.

58.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-hmieg fil-funtana ta’ Victor Denaro li din tnaddfet u tbattlet mill-ilma u saru arrangamenti biex timtela bil-hamrija u din tkun lesta fil-granet li gejjin.

58.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li l-parti tat-triq li mhux lesta, fi Triq Censu Farrugia, giet mghotija it-Tarmac.

58.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar il-kirja tat-tielet sular tac-Centru Civiku lill-Ministeru ghal Familja u Soledarjita Socjali. Qed nistennew id-decizjoni tal-Bord tal-artijiet biex inkomplu bil-ftehim.
Staqsa jekk ipprovajniex naraw jekk nistghux nixtru cens.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li meta kiteb biex jgharraf il-*lands* , ghamel il-mistoqsija, izda ghadu ma hax risposta.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-kunsill ma jhallasx cens izda kera li kienet mifthema meta sar it-tqassim fuq xoghol tal-pedamenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li hemm hafna dokumenti u pjanti migbura f’ hafna *files* u se jara li jorganizza dawn b’tali mod li l-informazzjoni kollha fuq il-binja tal-Kunsill tkun aktar organizzata.

Is-Sur Emanuel Brincat qabel u qal li jekk ikun hemm bzonn jista’ jaghti l-assistenza tieghu.

58.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li sar rapport lill- pulizija dwar nies li qed jaghtu l-ikel lill-hamiem.

58.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti fuq il-progress dwar it-*Tenders* tal-iskart u knis fejn dawn se jitlilghu fis-sistema fit- 2 ta' Gunju u jaghlqu fit 3 u 4 ta' Lulju rispettivament.

Saret referenza ghall ftehim ta' gbir ta' skart ghar-riciklar mal-*GreenPak* biex naraw jekk wasalx biex jigi mgedded.

58.4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar ir-rapport Finanzjarju Awditjat ghas-sena 2016. Il-kopji ntbaghatu lill-Awditur Generali. Fuq il- mejda il-Kunsilliera ghandhom kopja *draft* tal *management letter* biex tigi kkunsidrata fis-seduta li jmis.

58.4.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar id-drenagg fejn l-Ghajn tal- Hasselin u li kellmet lill-Inginier halli jara x'jista' isir.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li gew xi haddiema jaraw x'qed jikawza dan u jidher li jista' jkun hemm problema ta' sadd fil-katusi, kkawzat minn thaffir go sit ta' kostruzzjoni fil-vicin fejn gie ppumpjat xi ilma u il-materjal seta' ghen biex jikkawza s-sadd.

58.4.17 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar *cherry picker* go triq San Guzepp li qed jaghmel xoghol bis-*sander* u jekk dan hux suppost ikun mghotti minhabba t-trabijiet.
Is-sur Emanurl Brincat qal li dan ma jkunx mghotti, izda suppost ikollu apparat tal- vakum biex jigbed it-trab.
Is-Sur Maurice Agius qal li ma jahsibx li hekk hu il-kaz, ghax qed itajjar hafna trabijiet u t-triq giet dahna.
Is-sur Emanuel Brincat qal li jista' isir huwa, li nirrappurtaw u jigi ufficjal tal-MBRO fuq il-post u jiehu il-passi kif jidhirlu mehtiega.

58.4.18 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar ir-rampa ta' garaxx go Triq it-Tabib Robert Naudi, meta se ssir.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li din ser issir mill-haddiema tal-Kunsill u se jhallas is-sid.

58.4.19 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar knis ta' toroq li qed isir fis-2:30 ta' billejl.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li kellimna lill-kuntrattur kemm-il darba u ma tistax tifhem kif jista' isir knis dak il-hin meta ma jkunux qed jaraw x'hemm.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li kif avvza qabel, it-tenders il-godda hargu bil kundizjonijiet u il hinijiet ki jghid il kunsill u nawguraw li din il-problema tigi indirizzata bis-sewwa jew nimxu kif jghid il-kuntratt b'*default notices* u penalita'.
Is-Sur Lino Bartolo qal li anke it-trakk kien bl-arma tal-Kunsill Lokali Gzira u il-hinijiet li mhux qed jigu osservati.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella staqsa dwar it-trakk bl-arma tal-Kunsill Lokali Gzira, jekk dan kienx biss ghaddej mill-Imsida jew filfatt jigbor l-iskart halli jiehu nota u jkellem lill-kuntrattur. Dwar il-hinijiet wiegeb li kemm-il darba ha azzjoni billi jerga' igieghel lill-kuntrattur jerga' lura bit-trakk fit-toroq li beda kmieni.
Is-Sur Maurice Agius qal li certu toroq ma jinkinsux u anke it-tip ta' haddiema li hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li jibaghat lis-Supervisur ta' Spiss mal- kuntrattur. Certu rapporti huma vera, bhal knis fejn jidher biss u ma jghamlux bejn bankina u karozza pparkjata, jew bhal qtugh ta' pjanti u haxix iehor mal-bankini. Izda gieli wkoll ikun hemm rapporti ohrajn li ma jkunx ingabar l-iskart li jinhareg wara li jkun ghadda it-trakk. Huwa fatt maghruf li hemm hafna nies li m'ghandhomx rispett lejn il girien taghhom stess jew l sforzzi tal kunsill biex ikun hawn nadif bhal fi Triq Is -Sisla fejn qed jintefa' skart wara cint go art privata. Dan iwassal biex wara li nitolbu permess minghand is-sid tal-ghalqa irid ikun il-Kunsill bil-haddiema tieghu li jizbarrazza kollox bit-tama li jibqa' nadif. Wasal iz-zmien li nahsbu kif nifthemu ma' residenti ta' blokki ta' bini biex jintuza id-dawl tal-komun bil-ghan li jigu nstallati il- kameras b'mod strategiku halli nnaqsu l-abbuzi u anke il-vandalizmu.

58.4.20 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar ilmenti ta' bozzoz kif tinghata precedenza biex isiru.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li dawn jigu rregistrati u moghodija lill- kuntrattur, izda ma tinghata l-ebda precedenza. Il-kuntrattur jimxi skond it-tip ta' xoghol u apparat li jkun hemm bzonn. Hemm certu xoghol fejn il-hsara ma tkunx tista' tissewwa dak il-hin stess u jkun hemm bzonn jerghu imorru.

**58.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

58.5.01 Is-Sur Lino Bartolo talab biex napplikaw ghall-*pedestrian crossing* fiTriq il-Wied fejn it-*traffic lights* ghax qed jaqsmu hafna nies.

58.5.02 Is-Sur Lino Bartolo talab dwar fanal mghawweg go triq Victor Denaro biex isir xi haga dwaru.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li ga kellem lill-kuntrattur dwaru biex naraw x'jista' isir.

58.5.03 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar arbli fejn il Junior college biex jigu mnadfa min stickers

58.5.04 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar arblu ta' dawl fi triq Victor Denaro biex niktbu lill kuntrattur bl avukat.

58.5.05 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar 300 metru madum biex forsi naghmlu xi haga bih u nirrangaw fejn il-letrina.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li naraw kemm jistghu jdumu xi haddiema ta l-IPSL li se jigu mislufa mis-6 ta Gunju u jekk humhiex kapaci iwahhlu madum.

58.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jekk nistghux naraw biex isiru *pots* mad-dawra tal-knisja.
Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ir-rampa fuq in-naha ta' Gregory.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar access ghall-*wheelchair.*

58.5.07 Is-Sur Lino Bartolo gharraf lill-Kunsilliera prezenti li thawwlu s-sigar u il-kumplament go Triq il-Wied u biex nibaghatu ittra ta' ringrazzjament lill-haddiema tal-ELC

58.5.08 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar kuntrattur jaghmel xoghol fil ghaxija go triq il-knisja u prezenta ritratti <dc 58/5/08>

58.5.09 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il GDS u kif dan qed jikappara il bankina u it-Triq u prezenta ritratt fuq il mejda <dc 58/5/09> biex forsi niktbu lis-Supretendent halli tiehu passi u twaqaf dan l abbuzi.

**58.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport dwar indikaturi finanzjarji ghal-ewwel kwart tas-sena.**

58.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda <dc 58/6/01> dwar indikaturi finanzjarji ghall-ewwel kwart tas-sena, li jkopri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, 2017.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ta' spjega tar-rapport lill-kunsilliera prezenti fejn sar progress sostanzjali biex il-finanzi tal-kunsill jergghu jigu f'posizzjoni tajba. Hawn spjega li fil-mument qed noqghodu attenti hafna fl-ispejjez filwaqt li nzommu mal- *budget* .
Is-Sur Maurice Agius staqsa f'hiex hi ezatt il-posizzjoni tal-finanzi tal-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wiegeb li l-Kunsill spicca s-sena 2016 bilanc negattiv ta' -9.04% filwaqt li fl-ewwel 3 xhur tas-sena, irkuprajna u qeghdin -1.83%. Ghalkemm il-finanzi ghadhom fin-negattiv, il-fatt li qed jirnexielna nimxu mal-*budget* u nzommu kontroll fuq in-nefqa flimkien ma' dhul akbar fejn jidhlu permessi u dhul iehor, se jwassal biex il-Kunsill ikun jista' ihallas il-kontijiet prezenti fi zmien reali u dawk aktar antiki bhal tal-*Wasteserve* fi zmien miftiehem sal-ahhar tas-sena. Dan kollu jippermetti biex il-pozzizjoni finanzjarja tkun aktar vicin it- titjib mixtieq.

**58.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

58.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l'Iskeda K7-57 <dc 58/7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti ikopru *invoices* li l-Kunsill ircieva sal-ahhar ta' April, b'hekk kull ma baqa' mill-antiki huma dawk tat-*tipping fees* kif mifthema mal-*Wasteserve* .
L-Iskeda giet proposta mis-Sur Maurice Agius u ssekondata mis-Sur Emanuel Brincat.
Skeda ġiet approvata unanimament.

**58.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

58.8.01 Il-laqgħa intemmet fit-8:25 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għas-27 ta' Gunju 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti kkonfermati, illum 27 ta' Gunju 2017

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |